



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Marzu 2019
(OR. en)

7138/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0069 (NLE)

UD 79

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni
Ewropea fl-Organizzazzjoni Dinjija Doganali rigward is-Sistema
Armonizzata

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019...

ta'...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fl-Organizzazzjoni Dinjija Doganali rigward is-Sistema Armonizzata**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifika ta' Oġġetti ("il-“Konvenzjoni SA) ġiet konkluża mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/369/KEE tas-7 ta' April 1987¹ u daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1988.
- (2) Skont l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni SA, il-Kumitat tas-Sistema Armonizzata jista' jħejji, għall-Kunsill tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali (WCO), proposti għal emendi għan-Nomenklatura tas-Sistema Armonizzata. Skont l-Artikolu 16 tal-Konvenzjoni SA, il-Kunsill tad-WCO jista' jirrakkomanda din l-emenda lill-Partijiet Kontraenti.
- (3) Il-Kunsill tad-WCO mistenni jiddeċiedi matul is-sessjoni tiegħu ta' Ġunju 12019 dwar rakkomandazzjoni lill-Partijiet Kontraenti għal emenda tal-Kapitolu 24 tan-Nomenklatura tas-Sistema Armonizzata. Dik ir-rakkomandazzjoni tiġi adottata abbażi ta' proposta għal emenda mħejjija mill-Kumitat tas-Sistema Armonizzata. Jenħtieġ li dik il-proposta tiġi ffinalizzata fit-63 sessjoni/laqgħa tal-Kumitat tad-19-29 ta' Marzu 2019.
- (4) It-Tmien Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni Kwadru tad-WHO dwar il-Kontroll tat-Tabakk (FCTC) adottat id-Deċiżjoni FCTC/COP8(22) dwar prodotti tat-tabakk ġodda u emerġenti biex tikseb data xjentifika ulterjuri dwar dawk il-prodotti u, b'mod partikolari, biex tirċievi kjarifika dwar il-proprietajiet u l-emissjonijiet ta' dawk il-prodotti.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' April 1987 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifika ta' Oġġetti u tal-Protokoll li Jemendaha (ĠU L 198, 20.7.1987, p. 1).

- (5) Il-klassifikazzjoni tal-oġġetti fin-Nomenklatura tas-Sistema Armonizzata għandha tkun regolata bir-Regoli Ġenerali għall-Interpretazzjoni tas-Sistema Armonizzata. Huwa importanti li jiġi mfakkar li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, fl-interessi taċ-ċertezza legali u tal-faċilità tal-verifika, il-kriterju deċiżiv għall-klassifikazzjoni tal-oġġetti għal skopijiet doganali b'mod ġenerali għandu jifittex fil-karatteristiċi u fil-proprietajiet oġġettivi tagħhom kif definit fit-test tal-intestatura rilevanti tan-nomenklatura doganali u fin-noti tat-taqsima u l-kapitolu rilevanti.
- (6) Fid-dawl tar-rakkomandazzjoni għal emenda għan-Nomenklatura tas-Sistema Armonizzata li għandha tiġi adottata mill-Kunsill tad-WCO, huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni peress li, ladarba tiġi aċċettata skont l-Artikolu 16 tal-Konvenzjoni SA, ir-rakkomandazzjoni tkun tista' tinfluwenza b'mod deċiżiv il-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri l-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87¹. Il-pożizzjoni ser tiġi espressa fl-istadji preparatorji tal-Kunsill tad-WCO, inkluż fil-Kumitat tas-Sistema Armonizzata.
- (7) Huwa xieraq li l-abbozz ta' emenda għan-Nomenklatura tas-Sistema Armonizzata fir-rigward tal-Kapitolu 24 ikun appoġġat matul il-laqgħa tal-Kumitat tas-Sistema Armonizzata. Jenħtieġ għaldaqstant li l-Unjoni tappoġġa dik il-parti tal-proposta tal-Kumitat jekk tkun konformi mal-opinjoni maġoritarja tal-Partijiet Kontraenti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju, 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fid-WCO hija stabbilita fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Bidliet editorjali għall-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1 jistgħu jiġu miftiehma mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNESS

Il-Pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni Dinjija Doganali rigward is-Sistema Armonizzata

B'mod allinjat mal-maġġoranza tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni tas-Sistema Armonizzata, l-Unjoni tista' taċċetta l-abbozz ta' emenda li jirriżulta mill-ħidma tas-Sottokumitat għar-Reviżjoni tas-Sistema Armonizzata tad-WCO u, soġġett għal bidliet editorjali, għandha, fil-prinċipju, tesprimi l-pożizzjoni tagħha għall-għażla tal-formulazzjoni f'żewġ okkorrenzi li fadal għad-deċizzjoni:

1. In-Nota 2 ġdida għall-Kapitolu 24: appoġġa t-tieni opzjoni li taqra: "Kwalunkwe prodott klassifikabbli fl-intestatura 24.04 u fi kwalunkwe intestatura oħra tal-Kapitolu għandu jiġi kklassifikat fl-intestatura 24.04". Wara dibattiti estensivi dwar l-opzjonijiet differenti, u wara li tqiesu l-opinjonijiet kollha, inkluż il-Proposta tad-WHO-WCO, l-Istati Membri kkonfermaw li jeħtieġ li jkun hemm regoli ċari għall-klassifikazzjoni ta' prodotti ġodda tat-tabakk taħt intestatura unika. Għalhekk, l-Istati Membri wrew il-preferenza tagħhom għall-pożizzjoni mressqa mis-Segretarjat tad-WCO.
2. In-Nota 3 ġdida għall-Kapitolu 24: ma tappoġġax l-inklużjoni tat-test "kemm jekk jiġi prodott duħħan kif ukoll jekk le". Ir-referenza għad-duħħan tista' twassal għal konfużjoni rigward id-distinzjoni bejn il-prodotti fl-intestaturi 24.02 (u 24.03) u 24.04, peress li l-objettiv u l-iskop inizjali għall-ħolqien tal-intestatura l-ġdida 24.04 huma li jiġu koperti prodotti li ma jitpejpux bil-mod tradizzjonali.